**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il- Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**(Spettur Elton Taliana)**

**-vs-**

**Mohamed Abdul Hafid Abukem**

Kumpilazzjoni Numru: 48/16

Illum 7 ta' Dicembru 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mohamed Abdul Hafid Abukem, ta′ 21 sena, iben Ibrahim Abdul Hafis Abukem u Mabrouk Esmi, imwieled Libja, fl-1 ta′ Ottubru 1994 u residenti Manhatten, Triq it-Terz, Swieqi u detentur ta′ karta tal-identita′ 134271 (A):

Akkuzat talli nhar it-30 ta' Jannar 2016 ghal-habta tat-tmienja w nofs ta' filghodu (8:30am), gewwa Swieqi, Bil-hsieb li jaghmel delitt ta' feriti gravi fuq il-persuna ta' Zouhir Elfezqa, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta′ tieghu;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna offizi hfief fuq il-persuna ta' Zouhir Elfezqa kif iccertifikat minn Dr. Satya Brata Das tac-Centru tas-Sahha, Floriana liema offiza jew offizi giet / gew magflmula b'arma regulari jew bi strument Ii jaqta' jew iniggez;

u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skont il-ligi tal- awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Zouhir Elfezqa kontra I-volonta tieghu, u fil-waqt ta' l-arrest, zamma jew sekwestru, Zouhir Elfezqa gie offiz fuq il-persuna jew mhedded bil-mewt;

u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-waqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew imitazzjoni taghha;

u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skont l-artikoli indikati minnu fl-istess nota.

Semghet ix-xhieda.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u li huwa kkonferma l-istess ammissjoni wara li inghata zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghalhekk dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi inkwantu għall-piena li għandha tiġi erogata din il-Qorti qegħda tieħu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati u l-gravita' tagħhom, iċ-ċirkostanzi tal-każ u l-fedina penali tiegħu. Tqis li għandha timponi sentenza ta' priġunerija effettiva.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 214, 218(1)(a)(b)(2), 221(1)(2), 86 u 87(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 6, 51(7), 55(a), 56 u 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal ħmistax-il (15) xahar priġunerija u għal ħlas ta' multa ta' €116.47.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' €5,334.11 rappreżentanti ħlas ta' esperti nominati. L-imputat qiegħed jingħata tlett (3) snin żmien sabiex iħallas tali spejjeż u fin-nuqqas il-bilanċ jiġi konvertit fi priġunerija.

**Dr Josette Demicoli**
**Maġistrat**